**Uffiċċju Komunikazzjoni Kurja Veskovili ta' Għawdex**
**Stqarrija għall-Istampa [ST/02/2018]**
16 ta' Marzu 2018

# PROGRAMM TAŻ-ŻJARA F'GĦAWDEX TAL-E.T. MONS. ALFRED XUEREB,
## NUNZJU APPOSTOLIKU FIL-KOREA TA' ISFEL U L-MONGOLJA

**Is-Sibt 17 ta' Marzu 2018:** Il-Maltapost plc sa toħroġ Timbru kommemorattiv fl-okkażjoni tal-Konsagrazzjoni episkopali ta' Mons. Alfred Xuereb, li jista' jinkiseb mill-Fergħa Postali fil-Belt Victoria, jew anki fuq Kartolina kommemorattiva ppubblikata mis-Soċjetà Filatelika Għawdxija bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Għal aktar tagħrif għandu jsir kuntatt mas-Sur Anthony Grech fuq l-email linton3@maltanet.net.

**Il-Ħadd 18 ta' Marzu, fis-6.30pm:** Velja ta' talb bi tħejjija għall-Ordinazzjoni episkopali, fil-Kappella tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, Via Iberia, Ruma. Dakinhar, fl-4.30pm, il-Knisja f'Għawdex tingħaqad bit-talb tagħha waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Via Sagra Djoċesana fuq l-Għolja Ta' Għammar.

**It-Tnejn 19 ta' Marzu, fil-5.00pm:** Ordinazzjoni episkopali mill-Q.T. il-Papa Franġisku fil-Bażilika ta' San Pietru, il-Belt tal-Vatikan, li tkun trasmessa diretta fuq l-istazzjon televiżiv TV2000 (https://www.tv2000.it/live/).

**It-Tnejn 26 ta' Marzu fl-11.15am:** Wasla fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, u **f'12.00pm,** Konferenza Stampa miftuħa għall-membri tal-istampa u x-xandir.

**Il-Ħamis 29 ta' Marzu fid-9.00am:** Jippresiedi l-Quddiesa taż-Żjut flimkien mal-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, u s-saċerdoti tad-Djoċesi ta' Għawdex, fil-Katidral tal-Assunta, il-Belt Victoria.

**Il-Ħamis 29 ta' Marzu fis-6.30pm:** Jippresiedi l-Quddiesa *In Cœna Domini* bir-Rit tal-Ħasil tar-Riġlejn, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria, il-parroċċa tal-oriġni tiegħu.

**Is-Sibt 31 ta' Marzu fit-8.30pm:** Jippresiedi l-Liturġija Solenni tal-Lejl Qaddis tal-Għid tal-Qawmien tal-Mulej, fil-Bażilika ta' San Ġorġ.

**Il-Ħadd 1 ta' April:** Jamministra s-Sagrament tal-Magħmudija waqt quddiesa privata fil-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja, tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini, il-Belt Victoria.

**L-Erbgħa 4 ta' April:** Imexxi quddiesa fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, fis-sala ta' pazjent li kien miegħu fl-istess klassi.

**Il-Ġimgħa 6 ta' April fis-7.00pm:** Imexxi quddiesa fis-Santwarju parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana, fl-okkażjoni tal-ewwel Ġimgħa bi tħejjija għas-Solennità tal-Qalb ta' Ġesù.

**Is-Sibt 7 ta' April filgħaxija:** Jiċċelebra quddiesa fil-Knisja arċipretali tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem, b'suffraġju tan-nanniet u z-zijiet mejtin.

**Il-Ħadd 8 ta' April fil-11.15am:** Jippresiedi Pontifikal solenni fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, bis-sehem tal-E.T. Mons. Mario Grech, tal-E.T. Mons. George Bugeja OFM, Vigarju Appostoliku ta' Tripli u Amministratur Appostoliku ta' Benghazi, u tal-kleru Għawdxi, li jkun trasmess dirett fuq l-istazzjon televiżiv Net Tv.

**It-Tnejn 9 ta' April:** Tluq minn Malta.

*Skont il-ħtieġa, jista' jkun hemm tibdiliet f'dan il-programm.*